MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 328/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Stefano Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Stefano Caruana talli:

1) F’dawn il-Gzejjer fit-8 ta’ Jannar u fit-12 il-xahar ta’ qabel din id- data, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis, jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza;

2) F’dawn il-Gzejjer matul is-sena 1998, u t-8 ta’ Jannar 1999, ipproduca, biegh jew xort’ohra ttraffika fir-

raza mehuda mill-pjanta cannabis, jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza;

3) Kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 9, tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 28.11.97, Awla 13.

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li taghti l-piena skond il-ligi, hija tordna li l-imsemmi Stefano Caruana jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqmu mal-hatra ta' l-esperti kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Novembru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 31 tal-Kap. 9, l-artikoli 8(a), 8(b), 22(1)(a), 22(2)(b)(i), 22(1B) tal-Kap. 101, sabet lill-imsemmi Stefano Caruana hati ta' l-ewwel zewg imputazzjonijiet bl-ewwel wahda assorbita fit-tieni wahda, izda lliberatu mit-tielet wahda u, wara li rat ukoll l-artikolu 37 tal-Kap. 9, ikkundannatu ghall-piena karcerarja ta' xahar u multa ta' hamsa w ghoxrin liri Maltin (Lm25), u ordnat a tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 li jhallas l-ispejjez peritali ta' Lm23.25 fi zmien xahar, kif ukoll ordnat li l-multi mposti matul il-proceduri kif ukoll bis-sentenza jinbidlu f'jum prigunerija ghal kull hames liri mhux imhallsin filwaqt illi jekk il-hlas ta' l-ispejjez peritali ma jsirx, dak l-ispejjez jinbiddlu f'erbat ijiem prigunerija ohra, u fl-ahharnett ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Stefano Caruana pprezentat fil 21 ta' Novembru 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha inkwantu ghas-sejbien ta' htija ta' pussess tal-pjanta tal-cannabis inkorporata fl-ewwel imputazzjoni, kif ukoll in kwantu huwa gie lliberat mit-tielet imputazzjoni minhabba nuqqas ta' provi, u tirrevokaha u thassarha in kwantu ghas-sejbien ta' htija ta' traffikar tal-pjanta cannabis inkorporata fit-tieni imputazzjoni, u konsegwentement tilqa' dan l-appell u tilliberah minn din it-tieni imputazzjoni ta' traffikar u minn kull htija w piena fir-rigward taghha;

Rat is-sentenza preliminari ta’ din il-Qorti moghtija fit-28 ta’ Lulju 2006 li permezz taghha cahdet it-tieni aggravju ta’ l-appellant fejn huwa kien talab li ssir riferenza kostituzzjonali minhabba allegat ksur ta’ dak li huwa sejjah id-dritt fondamentali tieghu ghal assistenza legali qabel l-interrogatorju mill-Pulizija;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza tirrigwarda l-ewwel aggravju ta’ l-appellant fejn jghid illi ma jaqbilx mat-tezi li l-fatti ezistenti f’dan il-kaz jinkwadraw ruhhom fir-reat ta’ traffikar. Jghid illi hu u Noel Grech xtraw joint flimkien, hargu l-flus flimkien u pejpu l-joint flimkien u ghalhekk kull wiehed minnhom ghandu jirrispondi ghal pussess tar-raza filwaqt illi hadd ma ghandu jinzamm b’xi mod responsabbli ghall-imgieba hazina ta’ haddiehor. Jghid illi ghalkemm jinghad illi l-appellant ammetta li hu gieli xxerja d-droga ma’ Noel Grech, li gara kien illi meta l-Ispettur beda jghid lil Noel Grech li ser jehdulu l-karrozza, dan Noel Grech beda jgieghel lill-appellant jammetti li kien hemm *sharing*.

Evidentement dan kollu jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-

konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Mill-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti, jirrizulta lil din il-Qorti s-segwenti:

**L-Ispettur Nicholas Ciappara** xehed illi fid-9 ta' Jannar 1999 membri tal-AFM kienu qed jaghmlu *road block* f'Bormla u waqfu karrozza fejn taht is-seat tal-passiggier insabet bicca sustanza suspettata raza tal-cannabis. Fil-karrozza kien hemm l-appellant u certu Noel Grech. Huwa kellem lil dawn it-tnejn min-nies u l-appellant ammetta li s-sustanza li nstabet fil-karrozza kienet tieghu u li kienet bicca raza tal-cannabis li qal li kien ztara minghand wiehed Daniz f'Paceville. Ammetta wkoll li gieli xxerja d-droga ma' Noel Grech. Noel Grech qallu li d-droga kienet ta' l-appellant u f'zewg okkazjonijiet f'Settembru u Ottubru 1998 kien ixxerja xi joint ma' l-appellant. Ix-xhud esebixxa l-oggetti elevati mill-membri tal-AFM bhala Dok. NC1 u l-istqarrija ta' l-appellant bhala Dok. NC2.

**Lieutenant Neville Galea** xehed illi fit-8 ta' Jannar 1999 waqt *road block* f'Bormla ghall-habta tat-8.10 waqfu karrozza Ford Escort LHA 526 u waqt tfittxija nstabet fiha bicca cannabis taht is-seta tal-passiggier ta' quddiem. Fil-but ta' wara ta' l-appellant instab pakkett *cigarette papers*. It-tfittxija ma ghamilhiex hu izda Bombardier Noel Cesareo fil-prezenza ta' Gunner Charles Gellel.

**Bombardier Noel Cesareo** kkonferma li huwa fittex fil-karrozza in kwistjoni u sab bicca raza tal-cannabis filwaqt

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

illi minn tfittxija fuq il-passiggier ta’ quddiem, li pero` ma setax jaghrfu, sab pakkett *cigarette papers*.

**Gunner Charles Gellel** xehed illi kien ra lill Bomardier Cesareo jeleva sustanza tad-droga minn taht is-seat ta’ qudiem ta’ karrozza, in-naha tal-passiggier. Il-persuni li kien hemm fil-karrozza ma jiftakarhomx

**P.C. 536 Jason Caruana** kkonferma li kien prezenti waqt l-istqarrija li ghamel l-appellant. Huwa gharaf kemm l-appellant fl-Awla kif ukoll il-firem tieghu u ta’ l-Ispettrur fuq l-istqarrija.

**Noel Grech** xehed illi dakinhar illi twaqqfu, hu kien qieghed isuq il-karrozza u mieghu kellu lill-appellant. Saret tfittxija u taht is-seat tal-passiggier sabu “l-ismoke”. Kien pejjep il-haxixa xi darbtejn meta kien ma’ l-appellant u dan b’xejn. L-appellant kien qed ipejjep u ta s-sigarett lix-xhud biex jiehu zewg nifsijiet u x-xhud tah lura lill-appellant.

**Fl-istqarrija tieghu l-appellant** ammetta li “l-ismoke” li nstabet fil-karrozza tieghu kienet tieghu u qal li kien xtara minnha xi tliet darbiet minghand wiehed Daniz. Qal li hu u Noel Grech gieli xxerjaw joint flimkien u dan miz-zewg blokok li kien xtara qabel. Minghand Noel Grech ma hax flus.

**L-Ispizjar Mario Mifsud** esebixxa r-relazzjoni tieghu dwar l-analizi li ghamel tas-sustanza elevati mill-membri tal-Forzi Armati fejn ikkonferma li l-blokka kannella tal-piz ta’ 0.987 gramm kien fiha s-sustanza *tetrahydrocannabinol*.

**P.C. 682 Michael Cutajar** xehed illi fit-8 ta’ Jannar 1999 ghall-habta tat-8.00 p.m. gew infurmati mill-First Regiment ta’ l-AFM li kienu qed jaghmlu *road block* fl-inhawi ta’ Bormla. Hu mar fuq il-post flimkien ma’ P.C. 1057 fejn kien hemm l-appellant u Noel Grech. Ix-xhud gharaf lill-appellant fl-Awla u qal li minghandu kienet giet elevata bicca blokka zghira suspettata raza tal-cannabis u pakkett Rizla li gew mghoddija lill-Ispettur ghal aktar investigazzjonijiet.

**P.C. 1057 Mario Cuschieri** bazikament ikkorrobora dak li qal ix-xhud precedenti b'dan li qal li fuq il-post mar ukoll P.C. 1574 u li l-karrozza li kien hemm l-appellant fiha kienet Escort sewda u l l-apellant gie mizmum ghand il-Pulizija.

**L-appellant** xehed u qal li huwa ma jikkonsmax aktar ebda tip ta' droga. Qal illi r-raza mhux veru kien jixtriha minghand wiehed Daniz izda minghand certu James Bonnici mix-Xaghra, Bormla, u ma kienx qal hekk qabel ghax beza'. Lil Noel Grech mhux hu waqqghu izda flimkien kienu jixtru. Il-blokka kien hallas Lm5. James Bonnici kellu Mini sewda dak iz-zmien, kellu xi 24 sena.

Minn dawn il-provi skjaccanti, jirrizulta mhux biss illi l-appellant kien juza r-raza tal-cannabis izda anke li f'mill-anqas zewg okkazjonijiet ixxerja ma' Noel Grech. Dwar dan ix-*sharing* jixhed Noel Grech u huwa ammess mill-appellant stess mhux biss fl-istqarrija tieghu izda anke meta xehed quddiem l-ewwel Qorti. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellant, fir-rikors ta' appell tieghu, jghid illi kien Noel Grech li gieghel lill-appellant jammetti li kien hemm *sharing*. U wara kollox din hija allegazzjoni li ssir fl-imsemmi rikors u li ma tirrizulta minn ebda xiehda, lanqas dik ta' l-appellant stess. Imbaghad, stante illi hija gurisprudenza kostanti illi x-*sharing* huwa forma ta' traffikar, m'hemmx dubju illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett tal-provi migjuba quddiemha.

Kwantu ghall-piena, pero`, in vista ta' l-emendi introdotti bl-Att XVI tas-sena 2006, sejra tapplika l-ewwel "izda" tas-subartikolu (7) ta' l-artikolu 120A tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u minflok piena ta' prigunerija effettiva tissospendi l-ezekuzzjoni taghha b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal piena effettiva ta' xahar prigunerija u minflok tikkundannah ghal xahar prigunerija liema sentenza m'ghandhiex tibda ssehh hlief

jekk matul il-perijodu ta’ tliet snin millum huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija, u tikkonfermaha fil-kumplament. Din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilita` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija. Inoltre tattira l-attenzjoni tar-Registratur ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------